

## II

(Att mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

**REGOLAMENT TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1729****tat-22 ta' Settembru 2016**

**li jdaħħal denominazzjoni fir-registraru ta' denominazzjonijiet ta' oriġini protetti u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Culurgionis d'Oglastra (IĠP)]**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, l-applikazzjoni tal-Italja biex id-denominazzjoni "Culurgionis d'Oglastra" tiddaħħal fir-registraru, ġiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (²).
- (2) Billi l-Kummissjoni ma rċeviet ebda stqarrija ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, id-denominazzjoni "Culurgionis d'Oglastra" għandha għalhekk tiġi rreġistrata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

Id-denominazzjoni "Culurgionis d'Oglastra" (IĠP) hija rreġistrata.

Id-denominazzjoni msemija fl-ewwel paragrafu t-identifika prodott tal-Klassi 2.5. Għażin tal-Anness XI tar-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 (³).

## Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

(¹) ĠUL 343, 14.12.2012, p. 1.

(²) ĠUC 185, 24.5.2016, p. 3.

(³) Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 tat-13 ta' Ġunju 2014 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠUL 179, 19.6.2014, p. 36).

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Settembru 2016.

*Għall-Kummissjoni,  
F'isem il-President,  
Phil HOGAN  
Membru tal-Kummissjoni*

---